

Rikors ippreżentat fl-4 ta' Ġunju 2008 — Amertranseuro International Holdings et vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-212/08)**

(2008/C 197/55)

*Lingwa tal-kawża: L-Ingliż***Partijiet**

Rikorrenti: Amertranseuro International Holdings Ltd (Londra, ir-Renju Unit), Trans Euro Ltd (Londra, ir-Renju Unit) u Team Relocations Ltd (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentant: L. Gysselen, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Talbiet tar-rikorrenti

- Tannulla l-Artikolu 2(i) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni, tal-11 ta' Marzu 2008, fil-Każ COM/38.543 — Servizzi ta' ċaqliq internazzjonali, safejn dan jiddikjara li r-rikorrenti huma responsabbli *in solidum* għall-ksur allegatament imwettaq minn Team Relocations NV ta' l-Artikolu 81 KE u ta' l-Artikolu 53 tal-Ftehim fuq iż-ŻEE matul il-perijodu bejn Jannar 1997 u Settembru 2003;
- Sussidjarjament, tannulla l-Artikolu 2(i) ta' din id-deċiżjoni tal-Kummissjoni, safejn dan ma jillimitax effettivament ir-responsabbiltà *in solidum* ta' Amertranseuro Ltd għall-ammont ta' EUR 1,3 miljun.
- Tordna lill-Kummissjoni tbat i-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikorrenti jitolbu l-annullament parzjali, skond l-Artikolu 230 KE, tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2008) 926 finali, tal-11 ta' Marzu 2008 (Każ COM/38.543 — Servizzi ta' ċaqliq internazzjonali) (iktar 'il quddiem: id-“deċiżjoni kkontestata”), dwar proċedura ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 81(1) tat-Trattat KE u ta' l-Artikolu 53(1) tal-Ftehim ŻEE. B'mod iktar partikolari, ir-rikorrenti jitolbu l-annullament ta' l-Artikolu 2(i) tad-deċiżjoni kkontestata, safejn dan jiddikjara li huma responsabbli *in solidum* għall-allegata parteċipazzjoni ta' Team Relocations NV (iktar 'il quddiem “TRNV”) fil-ksur imsemmi fl-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata.

Ir-rikorrenti jsostnu żewġ motivi ta' dritt in sostenn tat-talbiet tagħhom:

L-ewwel nett, huma jsostnu li l-Kummissjoni żbaljat meta ddikjarat it-tlieta li huma responsabbli minkejja l-fatt li huma la kienu jafu u lanqas setgħu jkunu jafu bil-parteeċipazzjoni ta' TRNV fl-allegat ksur. It-tieni nett, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni wettqet abbuż ta' poter billi imponitilhom multa li huma ma jistgħux iħallsu.

Rikors ippreżentat fid-9 ta' Ġunju 2008 — Paul Alfons Rehbein vs UASI — Hervé Dias Martinho u Manuel Dias Martinho (Outburst)**(Kawża T-214/08)**

(2008/C 197/56)

*Lingwa tar-rikors: L-Ingliż***Partijiet**

Rikorrenti: Paul Alfons Rehbein (GmbH & Co.) KG (Glinde, il-Ġermanja) (rappreżentant: T. E. Lampel, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Partijiet oħra quddiem il-Bord ta' l-Appell: Hervé Dias Martinho u Manuel Carlos Dias Martinho (Le Plessis Tréville, Franza)

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord ta' l-Appell ta' l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tat-13 ta' Marzu 2008 fil-Każ R 1261/2007-2; u
- tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż tar-rikorrenti.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: Il-partijiet l-oħra fil-proċeduri quddiem il-Bord ta' l-Appell

Trade mark Komunitarja kkonċernata: It-trade mark figurattiva “Outburst” għal prodotti fil-klassijiet 16, 18 u 25 — Applikazzjoni Nru 4 318 333

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjali invokat in sostenn ta' l-oppożizzjoni: ir-rikorrenti

Trade mark jew sinjal invokat in sostenn ta' l-oppożizzjoni: It-trade mark nazzjonali verbali “Outburst” għal prodotti fil-klassi 25 — Reġistrazzjoni Ġermaniża tat-trade mark Nru 399 40 713

Deċiżjoni tad-Diviżjoni ta' l-Oppożizzjoni: Ċaħda totali ta' l-oppożizzjoni

Deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell: Ċaħda ta' l-appell

Motivi invokati: Il-ksur ta' l-Artikolu 43(2) u (3) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, peress li t-trade mark nazzjonali preċedenti kienet intużat b'mod ġenwin għall-prodotti u s-servizzi li għalihom ġiet irreġistrata; ksur ta' l-Artikolu 76(1)(f) ta'

l-imsemmi regolament, peress li l-Bord ta' l-Appell żbalja meta naqas milli jikkunsidra d-dikjarazzjoni ġuramentata tal-managing director tar-rikorrenti; ksur ta' l-Artikolu 74(2) ta' dan ir-regolament u tar-regola 22(1) u (2) tar-Regolament tal-Kummissjoni Nru 2868/95 ⁽¹⁾, peress li elementi ulterjuri ta' prova forniti fil-fażi ta' l-appell mill-proċedimenti ta' oppożizzjoni huma ammissibbli u kellhom jiġu kkunsidrati sabiex jiġi evalwat l-użu ġenwin tat-trade mark li fuqha hi bbażata l-oppożizzjoni; ksur tad-dritt tar-rikorrenti li tinstema', peress li l-Bord ta' l-Appell imissu kkunsidra provi dwar l-użu proddotti wara l-iskadenza tat-terminu.

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2868/95 tat-13 ta' Diċembru 1995 li jimplementa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 dwar it-trade mark tal-Komunità (ĠU L 303, p. 1).

Rikors ippreżentat fil-11 ta' Ġunju 2008 — Lemans vs UASI — Stephen Turner (ICON)

(Kawża T-218/08)

(2008/C 197/57)

Lingwa tar-rikors: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Lemans Corporation (Janesville, l-Istati Uniti) (rappreżentant: M. Cover, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord ta' l-Appell: Stephen Turner (Ludington, ir-Renju Unit)

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-deċizzjoni tat-Tieni Bord ta' l-Appell ta' l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tat-28 ta' Marzu 2008 fil-każ R 589/2007-2;
- tiddikjara li l-oppożizzjoni għandha tiġi miċħuda u li t-trade mark Komunitarja kkonċernata għandha tiġi rreġistrata;
- tordna lill-parti l-oħra quddiem il-Bord ta' l-Appell tħallas l-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-appelli quddiem il-Bord ta' l-Appell u l-Qorti tal-Prim'Istanza.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: L-applikant

Trade mark Komunitarja kkonċernata: It-trade mark figurattiva "ICON" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9, 18 u 25 — Applikazzjoni Nru 2 197 366

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjali invokat in sostenn ta' l-oppożizzjoni: Il-parti l-oħra quddiem il-Bord ta' l-Appell

Trade mark jew sinjal invokat: It-trade mark verbali nazzjonali "IKON" għal prodotti fil-klassi 9 — Trade mark irreġistrata fir-Renju Unit bin-nru 2 243 676

Deċizzjoni tad-Diviżjoni ta' l-Opportunità: Ċaħda ta' l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni fl-intier tagħha

Deċizzjoni tal-Bord ta' l-Appell: Ċaħda ta' l-appell

Motivi invokati: Il-Bord ta' l-Appell żbalja fid-deċizzjoni tiegħu li l-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiemha kellha *locus standi* sabiex tippreżenta oppożizzjoni.

Rikors ippreżentat fit-13 ta' Ġunju 2008 — Impala vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-229/08)

(2008/C 197/58)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Independent Music Publishers and Labels Association (Impala, international association) (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: S. Crosby, J. Golding, Solicitors, u I. Wekstein, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-Deċizzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Ottubru 2007 fil-Każ Nru COMP/M.3333-Sony/BMG li tiddikjara kkonċernazzjoni kompatibbli mas-suq komuni u mal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE skond l-Artikolu 8(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4064/89 ⁽¹⁾;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.